MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2010

Numru 114/2007

PULIZIJA
ASSISTENT KUMMISSARJU NEIL HARRISON
VS
EUSEBIO BUSUTTIL

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Eusebio Busuttil, ta’ 39 sena, iben Gaetano u Carmela nee’ Zahra, imwieled Hamrun fis-26 ta’ Lulju 1967, residenti 50, Atocia Street, Hamrun u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 352167(M);

Illi huwa akkuzat talli f’Malta fis-16 ta’ Novembru 2003 u matul l-ahhar tlett xhur qabel dina d-data:

a) Xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, li l-valur huwa ta’ aktar minn Lm100;

b) Ukoll talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-23 ta' Mejju 2001 u sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Mgt. Dr. A. Lofaro) ta' l-24 ta' Gunju 1999;

Il-Qorti qed tigi wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna thallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.92) fejn fuq l-istess Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 28 ta' Ottubru 2009 (a fol.89) fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda ta' l-Ufficjal Prosekutur, illum Assistent Kummissarju Neil Harrison, jirrizulta li fid-data citata fl-akkuza, huwa kien ta struzzjonijiet lil PS 1044, PC 279, PC 1099 u WPC 89 sabiex jesegwixxu tfittxija fid-dar ta' l-imputat, il-Hamrun, fuq suspett ta' traffikar ta' droga. Apparti dak li nstab kunness mad-droga, gie misjub fid-dar ta' l-imputat, senter tal-marka Luigi Franchi, serial number B27460. Mill-indagini li ghamlu l-Pulizija, sabu illi dan is-senter kien irraportat misruq minn certu Giuseppe Aquilina bin-numru tal-Karta ta' l-Identita' 708143(M). Fit-18 ta' Dicembru kienet infethet inkjesta u Aquilina kien irraporta illi l-valur ta' dan is-senter kien ta' mitt Lira Maltin (Lm100). L-arma giet ezebita bhala l-ezebit NH, waqt li l-fedina penali ta' l-imputat giet ezebita bhala Dok.NH1. L-imputat gie nterrogat u fl-istqarrija tieghu jghid illi huwa kien xtara din l-arma minn xi hadd innot minn Bieb il-Belt ghal valur

ta’ tmenin Lira Maltin (Lm80), illi huwa kien, pero’, partat din l-arma ma’ curkett b’munita tad-deheb. L-Assistent Kummissarju Neil Harrison qal illi l-ewwel verzjoni illi huwa kien ha minghand l-imputat kienet illi din l-arma kienet tghajjat lil huh Giovann li kien mejjet. L-istqarrija ta’ l-imputat giet ezebita bhala Dok.NH2 (a fol.14 u fol.15). Gie ezebit il-process verball Dok.MDF.

PS 279 Kevin Gauci (a fol.17) ikkonferma l-istruzzjonijiet ta’ l-Ufficjal Prosekutur u t-tfittxija li wettaq fid-dar ta’ l-imputat u l-elevar tas-senter. PS 279 Kevin Gauci xehed illi, a tempo vergine, l-imputat kien informa lill-Ispettur li kien akkwista dan is-senter ricentament izda ma kienx jiftakar ezatt (ara fol.17).

PC 1099 Charles Farrugia, ikkonferma x-xhieda tas-Surgent Gauci.

Giuseppe Aquilina (a fol.21) ikkonferma li fit-18 ta’ Dicembru 2002, kienet twettqet serqa fil-garaxx tieghu, Triq il-Qantar, Swieqi u li minn hemmhekk gew misruqa diversi affarijiet, inkluz senter. Il-kwerelant gie muri l-esebit Dok.NH u gharfu u kkonferma illi kellu nieqes il-*polychoke* u li kellu ritratt tieghu u ezebixxa Dok.GA. Huwa xehed illi dan is-senter kien ilu ghandu mis-sena 1971. Huwa xehed (a fol.23) illi kien xtara din l-arma ghal prezz ta’ mitt Lira Maltin (Lm100).

Ex PS Joseph Tonna (a fol.25) ikkonferma l-istqarrija ta’ l-imputat.

PS 239 Joseph Caruana kkonferma r-relazzjoni tieghu, prezentata fil-process verbal anness ma’ l-atti.

WPS 89 Mariella Spiteri kkonfermat ix-xhieda ta’ PS 279 Kevin Gauci u ta’ PC 1099 Charles Farrugia.

L-istess ghamel PS 1044 Gordon Calleja (a fol.41 et seq.)

Giet ezebita sentenza Dok.MM (a fol.45) u sentenza Dok.MHZ (a fol.53).

Maggur Joseph Cremona (a fol.55) ezebixxa okkorrenza Dok.JC (a fol.57).

Superintendent Nikol Ciappara kkonferma s-sentenza Dok.MM ezebita a fol.45 u gharaf lill-imputat.

Il-Qorti taghraf illi s-senteza Dok.MM u s-sentenza ezebita a fol.67 et seq. huma l-istess sentenza.

Assistent Kummissarju Neil Harrison (a fol.79) ezebixxa Dok.NHX, stima ta' l-arma in kwistjoni u Dok.NHX1 is-somma ta' mija u sitta u tmenin Euro (€186). A fol.84, l-Assistent Kummissarju Neil Harrison ezebixxa licenza Dok.NHY li turi illi l-arma in kwistjoni kienet licenzjata fuq isem Joseph Aquilina sa l-31 ta' Dicembru 2003.

WPC 206 Marica Galea ezebit Dok.X, fejn din l-arma tigi tidher li hija rregistrata bhala "*stolen*".

L-imputat (a fol.95) xehed li fi zmien ta' meta gara dan il-kaz, huwa ma kienx ghadu jabbuza minn sustanzi illeciti, cioe drogi, u li kien qabad hbieb differenti u li kien beda jmur ghal kacca. Huwa xehed, pero', illi dak iz-zmien ma kellux senter. Illi ltaqa' ma' xi hadd f'Putirjal, li ried ibiegh is-senter. L-imputat jghid illi minhabba li dak iz-zmien ma kellux flus, huwa akkwsita dan is-senter billi partu ma' curkett b'munita tad-deheb.

L-imputat (a fol.96) jghid is-segwenti:

*"Imbaghad bdejt immur ghal kacca normali u darba minnhom kelli – kont qieghed id-dar u gej il-Pulizija biex jaghtu search u* ***ma sabuli xejn hlief dan is-senter, jigifieri, sabu dan is-senter, bhal speci, ifhimni, il-verita' pura din. Issa - vera, jiena meta kelli tort baxxejt rasi u hadtu l-kastig, pero' dik genwinament, Sinjura Magistrata, storja vera. Il-verita' qed nghid."***

In kontro ezami, l-imputat ammetta illi ta zewg verzjonijiet ghal rigward il-provenjenza ta' din l-arma lil Pulizija. L-imputat jammetti illi l-ewwel darba qalilhom li din l-arma

kienet ta huh. Jammetti wkoll illi huwa ma kellux licenza li tkopri din l-arma.

Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni: *“Ma stajtx tirrejalizza li biex tixtri senter b’mitt lira (Lm100), dak l-ammont huwa ftit wisq ghal valur li jiswa senter?”* (ara xhieda a fol.97) u l-imputat wiegeb illi huwa xtaq jakkwista senter halli jkun bhal shabu, avolja ma kellux licenza tal-kacca u avolja l-arma ma kinitx licenzjata.

Ikkonsidrat:

Mix-xhieda prodotta jirrizulta b’mod ampju illi l-imputat gie misjub f’pussess ta’ arma illi kienet misruqa hdax (11)-il xahar qabel (is-serqa fil-garaxx ta’ Giuseppe Aquilina sehhet fit-18 ta’ Dicembru 2002, waqt illi t-tfittxija fil-propjeta’ ta’ l-imputat saret fis-16 ta’ Novembru 2003). Mitlub jispjega l-provenjenza ta’ din l-arma, l-imputat, l-ewwel qal illi din l-arma kienet tal-mejjet huh, Giovann Busuttil, u sussegwentement, l-imputat biddel din il-verzjoni u qal illi kien xtraha minn Putirjal, minn persuna innota bi tpartit ta’ curkett b’munita tad-deheb tieghu.

Il-Prosekuzzjoni sahqet ukoll fuq il-fatt illi l-imputat akkwista din l-arma bi prezz baxx ta’ cirka tmenin Lira Maltin (Lm80). Illi mill-provi prodotti mill-istess Prosekuzzjoni, jirrizulta b’mod ampju minn Dok.NHX u Dok.NHX1, illi l-arma in kwistjoni ghandha valur ta’ mija u sitta u tmenin Euro (€186) cioe ekwivalenti ghal tmenin Lira Maltin (Lm80). Illi ghalhekk il-Qorti ma ghandiex, f’dan il-kaz, prezz irrizorju li jsahhah it-tezi tal-Prosekuzzjoni fuq ix-xjenza da parti ta’ l-imputat tal-provenzjenza illecita’.

Lanqas ma tista’ tigi invokata t-teorija tal-pussess recenti ta’ l-oggett misruq il-ghaliex, kif diga’ fuq spjegat, ghaddew ‘il fuq minn hdax (11)-il xahar mis-serqa originali. Il-fatt illi l-imputat biddel il-verzjoni tal-provenjenza ta’ l-arma, m’huwiex wahdu sufficenti biex il-Qorti ssib htija fuq ricettazzjoni.

L-imputat ma giex mixli bin-nuqqas ta' licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ghal rigward ta' l-arma. Din l-akkuza lanqas ma feccet fl-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali li fuqhom din il-Qorti tista' ssib htija (ara a fol.92).

In mankanza ta' sejbien ta' htija fuq l-akkuza ta' ricettazzjoni, din il-Qorti, certament, ma tistghax issib htija fl-akkuza sussegwenti tar-ricediva.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat **Eusebio Busuttil mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------